**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 ta' Novembru, 2022

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Ibrahim SERDER, detentur tal-passaport Bangladeshi bin-numru EB0071132**

*Kumpilazzjoni Nru. 496/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Ibrahim SERDER** u ċioe` talli:[1]

> Nhar il-5 ta' Awwissu tas-sena 2021 u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer u/jew barra minn dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. Għamel atti ta' *money laundering* billi:
>
> i. Ikkonverta jew ittrasferixxa propjeta' meta kienu jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali;

[1] Fol.45-48

ii. Heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propreta', meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprejta' tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

iii. Akkwista, kellu fil-pussess tiegħu, jew uza proprjeta' meta kienu jaf jew jissuspetta li l-istess propreta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

iv. Bir-ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta meta kien jaf jew jissuspetta li l-istess proprjeta' inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

v. It-tentattiv ta' xi hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Agixxa bhala komplici fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq imsemmija.

U dan ai termini ta l-Artikolu 3 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, akkużat talli:

2) Bil-ħsieb illi jagħmel xi qligħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabbrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmel tentattiv biex joħorġu minn Malta, bi ksur tal-Liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonġura f'dak is-sens ma' xi persuni oħra, billi l-għadd ta' persuni mgħejjuna, assistiti, mogħtija parir, li jkun sar tħabrik dwarhom, jew il-mira tal-konġura kif imsemmi qabel kien ta' aktar minn tlieta;

3) Għen jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew ittanta jinżel l-art f'Malta, jew li joqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew ħeba jew ta kenn lil xi persuna li kien jaf, jew kellu tassew għax jaħseb, li kien qiegħed f'Malta kontra d-disposizzjoni tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;

4) Iffalsifika, biddel, jew għamel xi tibdil f'passaport, jew uża jew kellu, fil-pussess tiegħu xi passaport, li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, mibdul, jew li sar xi tibdil fih;

5) Għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat;

6) Mingħajr awtorita' leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni li jkun falsifikat skont l-istess Att;

7) Waqt li kien dieħel, ħiereġ jew li kien għaddej fi transitu minn Malta, falla li jiddikjara mal-Kummissarju tat-Taxxi, li kien qiegħed iġorr is-somma ekwivalenti għall-għaxart elef Euro (€10,000), jew aktar, fi flus kontanti;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffrizar' u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputat jew huma propjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalita', Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa li timponi, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tat-8 t' Awissu 2022, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[2]

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-8 t' Awissu 2022,[3] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07.
8. Fl-Artikolu 36 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-4 t' Ottubru, 2022, l-imputat ammetta imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat li fl-istess seduta, għal kull buon fini l-imputat taha l-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[4]

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet li dwarhom rreġistra ammissjoni, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[2] Fol.539
[3] Fol.539-540
[4] *Ibid.*

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif minnu ammessi.

**PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati serji li dwarhom qed tinstab ħtija, reati li jisfruttaw il-vulnerabilità ta' min għal raġuni jew oħra jiġi kostrett iħalli pajjiżu għal ħajja aħjar. Ittieħed kont tal-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta almenu f'dak li jirrigwarda għemilu f'pajjiżna w taċ-ċirkostanzi kollha l-oħra tal-każ u senjatament li dan hu każ ta' *Self-Laundering*.

Ġie kunsidrat li fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni jsib applikazzjoni l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 337A tal-Kodiċi Kriminali.

L-imputazzjonijiet numru erba' (4) u sitta (6) servew ta' mezz ai fini għall-imputazzjonijiet numru tnejn (2) u tlieta (3), filwaqt li l-ħames (5) imputazzjoni hi waħda alternattiva għall-imputazzjoni numru erba' (4) li dwarha qed tinstab ħtija. Għalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames (5) imputazzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames (5) imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 17, 18, 31 u 337A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 32(1)(a)(f) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti, Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta w ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus, L.S. 233.07, ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha l-oħra addebitati lilu, u tikkundannah **sentejn u għaxar (10) xhur priġunerija (34 xahar)** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv u **multa ta' €50.**

Ai termini tal-artikolu 23 u 23B tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll wara li rat ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus, (L.S. 233.07), tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta €14,420 rappreżentanti r-rikavat li ġej mir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija.

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli kollha ta' l-imputat, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' **€5,084.61** rappreżentanti spejjez peritali.[6]

Inoltre, wara li rat l-artikolu 5(2)(d)(e) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrakkomanda lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni sabiex jikkunsidra jeżerċita l-poteri tiegħu taħt l-imsemmi Att fir-rigward tal-imputat fil-mument opportun.

Finalment tordna li din is-sentenza tiġi kommunikata lill-Uffiċjal Prinċipali għall-Immigrazzjoni w lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

**KOMMUNIKA: UFFIĊJAL PRINĊIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI**

---

[5] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.
[6] **Dok.JCE Dok.JM** u **Dok.JM1**